MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 43/2013

**George Zammit [K.I. 10763G]**

**Vs**

**Lawrence Borg**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mir-rikorrenti fit-18 ta' Ottubru, 2013** u li permezz taghha talab il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elf seba' mija tmienja u sittin euro u wiehed u sebghin ċenteżmi ta' euro [€1,768.71] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Illi l-attur Zammit inkariga lil-konvenut Borg sabiex jibni diversi hitan tas-sejjieh fl-inhawi ta' Wara s-Sur fil-limiti tar-Rabat, Ghawdex.

Illi ftit taz-zmien wara li l-konvenut lesta l-hitan waqghet biċċa kbira minn wiehed minnhom u huwa evidenti li dan sehh peress li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Illi l-ispejjes biex jinbena mill-gdid il-parti tal-hajt li ġġarraf jammontaw ghal elf sebgha mija u tminja u sittin Ewro u wiehed u sebghin ċenteżmu (€1,768.71).”

Ra **r-risposta tal-intimat** mressqa fil-11 ta’ Novembru, 2013 u li permezz taghha gie eccepiet hekk:

“1. Illi d-domandi attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt, stante illi l-hajt de quo inbena skond l-arti u s-sengha u bl-ebda mod ma kien difettuż;

2. Illi kwalsijasi hsara illi setghet arrekat sehhet unikament tort u htija tal-attur innifsu li ddepozita materjal ulterjuri ma’ l-imsemmi hitan;

Illi l-attur ghamel sieqji ta’ l-ilma ghal go dar il-hajt li dghajfu l-istruttura tal-hajt;

3. Illi ghalhekk l-attur [recte: il-konvenut] m’huwiex responsabbli ghall-hsara msemmija;

4. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa wiehed esaġerat.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni ta' l-attur minn issa għas-subizzjoni".

Ra d-digriet datat 15 ta' Novembru, 2013 fejn il-gudikatur preċedenti rrikuza ruħhu skond il-Ligi;

Ra illi l-kawza giet differita għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidra:-

i. Illi r-rikorrenti **George Zammit** xehed u qal li ghal bidu huwa kien inkariga li terz sabiex jaghmillu xoghol ta' hitan tas-sejjieh mal-ghelieqi tieghu. Gara li din il-persuna kienet wegghet u meta semgha b'dan il-fatt l-intimat, huwa mar fuq ir-rikorrenti u staqsieh jekk kellhux xi hitan ghal bini. Ir-rikorrenti wieġbu fl-affermattiv u talbu stima. Fil-fatt, l-intimat kien tah din l-istima u r-rikorrenti accettaha. Qabel ma l-intimat beda x-xogholijiet ta' bini ta' hitan tas-sejjieh, r-rikorrenti infurmah li ried xoghol sewwa. Ir-rikorrenti esebixxa żewġ dokumenti, wiehed li jindika l-kejl tax-xoghol tal-bini (dok. GZ1) u d-dokument l-iehor li jindika l-hlas a saldu tal-prezz maqbul (dok. GZ2).

   Ir-rikorrenti żied ighid li "*mal-ewwel xita parti mill-hajt tas-sejjiegh waqa minn żewġt ibnadi (żewġt eghlieqi)*" (fol. 19). Qal ukoll li "*... waqt li kien tiela' x-xoghol kont gbidtlu l-attenzjoni lill-intimat li x-xoghol ma kienx qed joghgobni ghax il-hajt tas-sejjiegh skont is-sengha jrid ikun jekk ikun hemm tant hamrija trid tkun taghmel il-hajt tant wiesa*" (fol. 19). L-intimat wieġbu u qallu li ma

kienx hemm problemi u li "*dak niggarantihulek jien li mhux se jigri*" (fol. 19).

Qal ukoll li huwa kien hallas lill-intimat s-somma ta' €6,285 u dak-in-nhar li ghaddielu l-flus, aktar tard filghaxija, l-intimat kien cempillu u qallu li kien tah elfejn euro (€2,000) neqsin. Wara li qallu dan id-diskors, kompla jghid ir-rikorrenti, huwa ma riedx jaf iktar bl-intimat u l-intimat mar u gabar l-ghodda tieghu. B'hekk, kompla jghid ir-rikorrenti, l-intimat ma lestiex ix-xoghol kollu li kellu jlesti. Peress li kien ghad jonqos biss xoghol ta' tindif, huwa kien inkariga lil haddiehor sabiex jaghmel dan ix-xoghol.

Zied ighid li meta sar dan ix-xoghol ta' tindif minn wiehed imlaqqam il-Brungiela mix-Xaghra, il-hajt li bena l-intimat ma ntmiesx u lanqas ma ghamel xi sieqji.

Ghar-rigward tal-hajt li waqa wara li kienet ghamlet ix-xita, r-rikorrenti qal li "*l-Perit Walter Portelli kien stmali dan ix-xogholijiet fis-somma ta' €1,768.71c*" (fol. 20 – ara ukoll dok. GZ 3 a fol. 16). Qal ukoll li l-Perit Portelli kien infurmah li x-xoghol ma kienx sar sewwa.

In kontro-ezami, mistoqsi x'tip ta' materjal intuża ghall-bini tal-hajt tas-sejjieh, huwa qal li intużaw ġebel tal-franka. Cahad li kien hemm diskors bejnu u bejn l-intimat li l-gebel li kien qieghed jintuza ma kienx tajjeb ghal iskop biex jinbnew il-hitan tas-sejjieh. Qal li l-intimat bnielu tlett hitan u li l-ilma ta' l-ghelieqi ma jaqlibx ghal gon-naha ta' fejn waqa l-hajt.

ii. **Il-Perit Walter Portelli** xehed u qal li huwa kien gie nkarigat mir-rikorrenti sabiex jaghmel stima ta' xoghol ghar-rigward ta' hajt tas-sejjieh. L-ammont ta' l-istima kien ta' €1,768.71c, liema ammont jissemma fid-dokument immarkat bhala dok. GZ. Ghar-rigward tar-raguni l-ghala kien waqa dan il-hajt tas-sejjieh, ix-xhud qal li "*il-fatt li dan il-hajt waqa kien minhabba li l-hajt ma kienx marbut flimkien. Kien loose. Fattur iehor jista jkun il-hxuna tal-hajt. Wahda minn dawk l-ghelieqi hemm oghli madwar żewġt metri u*

*allura inti biex ikollok hajt ta' żewġt metri jrid ikollok hxuna ta' bejn wiehed u iehor metru*" (fol. 31). Ix-xhud esebixxa xi ritratti tas-sit. Zied ighid ukoll illi "... *kieku dawn il-hitan tas-sejjiegh saru skont ma' titlob u tirrikjedi s-sengha u l-arti ma kienux jaqghu. Il-fatt illi waqghu tfisser proprju li ma kienux saru hekk*" (fol. 31). Qal li l-hitan kien fihom it-toqob, però minkejja dan, peress li kien hemm l-elementi li huwa semma aktar qabel fix-xhieda tieghu, dawn il-hitan xorta wahda waqghu.

In kontro-ezami, mistoqsi jekk kienx hemm sieqji magemb l-ghelieqi minn fejn jghaddi l-ilma, x-xhud wieġeb fin-negattiv. Qal li l-ghelieqi huma wahda fuq l-ohra u l-ilma jinżel ghal isfel.

B'referenza ghall-materjal li intuża biex inbnew dawn il-hitan tas-sejjiegh, x-xhud qal li kien hemm materjal diversi, fosthom materjal li kien intuża minn fuq l-istess post u materjal iehor li nġib minn band' ohra.

Qal ukoll li "*il-gebel ta' dawn il-hitan ma kienx marbut flimkien u ghalhekk gara li gara. Li kieku l-gebel intrabat ma kienx isehh*" (fol. 32). Spjega li "*hajt meta jaqa ghax ikun dghajjef u allura l-mistoqsija jekk hemmx xi raġuni partikolari ghalfejn waqa dik il-parti tal-hajt u mhux parti ohra nghid li ghaliex dik kienet l-aktar parti dghajjfa u ghalhekk waqghet*" (fol. 32).

iii. **Silvio Buhagiar** qal li huwa kien gie nkarigat mir-rikorrenti sabiex jaghmel xoghol bil-gaffa fl-ghelieqi tieghu. Dan ix-xoghol kien sabiex inehhi "... *l-gebel żejjed li kien ghad fadal fl-inhawi, u jiena fil-fatt hekk ghamilt*" (fol. 39). Qal li huwa, waqt li kien qieghed juża l-gaffa, bl-ebda mod ma mess il-hajt li kien bena l-intimat. Qal li "... *jiena naf fejn waqa l-hajt u ma hdimtx bil-gaffa tieghi fejn dan il-hajt, hdimt go ghelieqi proprjetà tar-rikorrenti ohra li ghandu f'dawk l-inhawi*" (fol. 39). In kontro-ezami, mistoqsi fejn kien jinsab il-gebel li huwa kien gabar bil-gaffa tieghu, x-xhud qal li dan il-gebel kien got-trab.

iv. **Joseph Borg** qal li huwa jahdem ma' l-intimat. Qal li l-intimat kien qallu li r-rikorrenti ried jaghmel xi hitan tas-sejjieh u li ried juża l-gebel li kien hemm fl-ghalqa ta' hdejh. Stqarr li huwa kien qal lir-rikorrenti li "*... dak it-tip ta' ġebel ma kienx tajjeb u li la biex tibni l-hajt tas-sejjieh u lanqas biex tqeghdu ghal wara l-hajt tas-sejjieh*" (fol. 42). Zied ighid li huwa kien informa lir-rikorrenti li kien ser iġib vjaġġ ġebel minghand Frans tax-Xaghra maghruf bhala s-Serp. Minkejja dan, ir-rikorrenti xorta wahda talbu sabiex jehilsu "*mill-gebel li kien hemm fejn l-ghalqa ta' magembu l-ghaliex jekk ma konniex nehilsuh ahna billi nuzawh biex nibnu dan il-hajt tas-sejjieh, kien ser ikollu jbig lil xi hadd iehor biex innehieh minn hemm*" (fol. 42). Qal ukoll li r-rikorrenti kien jkun fuq il-post filghodu u imbaghad kien jerga jittawwal filghaxija "*... u dejjem kien jghidli li x-xoghol gej sew*" (fol. 42).

Ghar-rigward ta' l-ilma li kienu jirċievu l-ghelieqi x-xhud qal li l-ilma tal-ghelieqi li hemm fil-madwar jinżel ghal fuq il-hajt li kien bena hu.

In kontro-ezami qal li huma damu xahar u nofs, xahrejn sabiex bnew il-hitan in kwistjoni u wara l-hitan kien hemm biċċiet tal-madum u mhux milli. Qal li "*pruvajna naghmlu l-ahjar li stajna b'li kien hemm. Ma kienx hemm ġebel kapaci*" (fol. 42). Qal li lis-sid huwa kien qallu kemm il-darba li l-gebel kien hazin. Mistoqsi mit-Tribunal ghalfejn huma qeghdu l-hajt tas-sejjieh jekk il-gebel kien hazin, huwa wieġeb "*... biex ha tibni. Gebel is-sid ma riedx igib*" (fol. 42). Zied ighid li l-gebel li kien gab minghand Franky maghruf bhala s-serp mix-Xaghra kien tat-tip maskur, u li dan tqieghed wara l-gebel tas-sejjieh biex ikun jista jżomm.

v. **Carmel Tabone** qal li huwa ghandu ghalqa iktar l-isfel mir-rikorrenti u li l-hajt tas-sejjieh kien inbena b'xi ġebel ta' xi post li kien waqa. Qal li s-sena l-ohra huwa kien ra l-ilma gej minn fejn dan il-hajt li kien bena l-intimat u l-haddiema tieghu. Zied ighid li "*f'xi żmien ukoll kont rajt gaffa ddur fejn inbnew dawn il-hitan, iddur 'l fuq. Jiena rajtu jahdem, però ma rajtux imis hitan*" (fol.

44). Pero, żied jghid ix-xhud, ix-xoghol bil-gaffa sar fl-istess ghalqa li kien tela l-hajt tas-sejjieh.

vi. **Alfred Attard** xehed u qal li huwa kien niżżel xi ghodda fl-ghalqa tar-rikorrenti sabiex ikunu jistaw jinbnew il-hitan tas-sejjiegh.

vii. **Anthony Debrincat** xehed u qal li huwa kien jahdem ma' l-intimat u kien wiehed minn dawk li bena l-hitan tas-sejjiegh fl-ghelieqi proprjetà tar-rikorrenti. Ix-xhud qal li "*Jiena ghalija l-hitan kienu qeghdin jitqieghdu sewwa. Il-problema li kien hemm hija li l-hitan kienu gholjin u allura ma kinux ser iżommu l-ilma u dan peress li huma mtarrgin*" (fol. 63). Stqarr li ma huwiex bennej u li ma kellhux karti. Qal però li huwa ma kellux bżonn karti sabiex jibni hajt tas-sejjieh l-ghaliex kien diġà bena hitan bhal dak u allura kellu l-esperjenza. Qal li ma jafx kif jintrabat hajt iżda stqarr li "... *ghalija l-hajt torbtu meta jkun ta' hames (5) piedi fuq it-tafal, mhux izjed*" (fol. 63). Il-hajt inbena skond ma kien qallu l-intimat Lawrence Borg. Mistoqsi jekk sarux pedamenti tal-hitan tas-sejjieh proprjetà tar-rikorrenti, x-xhud qal li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk il-hajt tas-sejjieh mertu ta' din il-kawza ġiex mibni fuq it-tafal, ix-xhud qal li "*...safejn naf jien hemmhekk u cioe l-ghelieqi li ghandu George Zammit ir-rikorrenti huma taflin. Ahna bnejna hajt gholi fuq art taflija. Fil-fehma tieghi ma kellux isir hekk*" (fol. 63-64).

In ri-ezami, huwa qal li r-rikorrenti kien uriehom il-hitan ta' l-ghelieqi mwaqqghin u qalilhom biex jibnuhom mill-gdid. Qal ukoll li ghal hitan kienu użaw xi ġebel minn hemmhekk stess u kien gie ordnat xi ġebel minn band'ohra.

viii. **L-intimat** xehed u qal li r-rikorrenti kien inkarigah sabiex jibnilu xi hitan tas-sejjieh. Kompla qal li r-rikorrenti kien qallu "... *illi l-materjal kien ser igibu hu, pero l-materjal li gabli ma kienx proprju tas-sejjieh. Jien tajtu prezz u r-rikorrenti naqqasli ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-qasba*" (fol. 65). Stqarr li huwa lir-rikorrenti kien qallu li x-xoghol ma kienx gej sewwa izda huwa ried li l-hitan tas-sejjieh jinbnew billi materjal li gab hu.

L-intimat qal li "*...naqbel illi kellu jsir sodda tal-konkos bil-vireg sabiex il-hajt ma jcedix ghaliex hemmhekk kien tafli. Kien hemm gholi ta' aktar minn hames (5) piedi. Nghid pero li finanzi ma kienx hemm x'jintefqu, u ghax-xoghol illi ghamilna x-xoghol zamm sentejn u nofs*" (fol. 65). L-intimat insista li "*il-hajt ceda wkoll ghaliex ir-rikorrenti kien tefa l-hamrija mal-hajt u b'hekk ceda. Kien anke resaq lejn il-hajt bil-gaffa li tizen tnax-il (12) tunnellata, b'hekk peress li kien hemm l-gholi l-hajt hass dan it-toqol*" (fol. 65).

In kontro-ezami qal li huwa ta stima lir-rikorrenti sabiex ix-xoghol isir sewwa, izda peress li r-rikorrenti kellu certu budget, "*... kellhom jinqatghu xi affarijiet*" (fol. 65). Qal li l-hajt tar-rikorrenti inbena bil-materjal li kien gabilhom ir-rikorrenti u cioe materjal tal-franka u mhux b'tal-qawwi. Qal li minkejja dan, huma xorta wahda ghamlu d-dniefel. Il-hajt inbena fuq it-tafal u zied ighid li "*dan il-materjal li gabilna r-rikorrenti pero ghalija ma kienx tajjeb*" (fol. 65).

Ghar-rigward tal-gaffa, l-intimat qal li r-rikorrenti kien inkariga lil persuna sabiex jifrex il-hamrija mal-ghalqa kollha wara li kienu lestew il-bini tal-hitan tas-sejjieh. Qal li ghalkemm huma kienu spiccaw il-bini tal-hitan, huwa xorta kien ra din il-gaffa peress li iktar l-isfel mill-ghelieqi tar-rikorrenti huwa ghandu dritt jiehu l-ilma.

Qal li tul iz-zmien kollu li huma damu jibnu, r-rikorrenti qatt ma kien ilmenta mieghu dwar kif kien gej ix-xoghol. Xehed li r-rikorrenti kien talbu biex jaghmillu bicca xoghol ohra, izda huwa ma kienx ghamilielu minhabba problema fuq flus.

Mistoqsi jekk ir-rikorrenti huwiex bennej, l-intimat wiegeb fin-negattiv. Qal pero li r-rikorrenti ghandu esperjenza kbira.

Ikkunsidra;

1. Permezz ta’ din it-talba, r-rikorrenti qieghed jitlob minghand l-intimat il-hlas tas-somma ta’ elf seba’ mija tmienja u sittin euro u wiehed u sebghin ċenteżmi ta’ euro [€1,768.71] u dan bhala spejjez biex jinbena mill-gdid hajt tas-sejjieh li l-istess intimat kien bena u li ftit taz-zmien wara ggarraf. Ir-rikorrenti sostna li biex waqa dan il-hajt tas-sejjieh, ix-xoghol mill-intimat ma sarx skond is-sengha u l-arti. L-intimat laqa ghal din ix-xilja billi qal li t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-hajt de quo inbena skond l-arti u s-sengha u bl-ebda mod ma kien difettuż. Zied ighid li kwalsijasi hsara li setghet grat sehhet unikament tort u htija tar-rikorrenti innifsu li ddepozita materjal ulterjuri ma’ l-imsemmi hitan u li r-rikorrenti ghamel sieqji ta’ l-ilma ghal go dar il-hajt li dghajfu l-istruttura tal-hajt. Qal li minhabba dawn ir-ragunijiet huwa ma huwiex responsabbli ghall-hsara msemmija. Ikkonkluda billi qal li l-ammont mitlub huwa wiehed esaġerat.

2. Fis-sentenza **Busuttil vs Fedele et** deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta’ April, 1968 inghad hekk:

   “... *il-kuntratt ta’ appalt huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali. Dawn huma dawk id-difetti, imsejhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita taghhom b’mod li ma tibqax tikkorrispondi mad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero jibqa obbligat li jirripara d-difett i jew jaccetta riduzzjoni*”

3. Din is-sentenza kienet segwita mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tat-22 ta’ Gunju 1994 fil-kawza **Bonnici noe vs Sammut**.

4. Meta tinqala tilwima dwar appalt, tnejn huma generalment il-kwistjonijiet li t-Tribunal ghandhu jikkunsidra –

   a) Jekk l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet kommissjonati saritx skond l-ispecifikazzjonijiet u l-pattijiet l-ohra stipulati bejn il-kontraenti; u

   b) Jekk l-ezekuzzjoni u l-prodott finali kienx konformi mar-regoli ta' l-arti u tas-sengha.

5. Il-gurisprudenza hija konkordi fl-affermazzjoni li l-appaltatur mhux biss ghandu jesegwixxi x-xoghol mertu tal-appalt, izda ghandu jassikura wkoll li dak ix-xoghol ikun jiswa kemm ghal dik li hija bonta kif ukoll ghal dik li hija adattabilita ghall-uzu li ghalihom l-appaltant ikun ippjazza l-ordni.

6. L-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **David Cilia noe vs Hal Mann Limited** deciza fit-2 ta' Gunju, 2011 per Onor. Imh. J. Zammit McKeon qalet hekk:

   "*Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma, u fl-istess waqt taghmel taghha, il-principji ta' dritt li jirregolaw l-appalt, u li sintesi akkuarata taghhom hija migbura fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza* ***Darmanin vs Agius*** *li kienet deciza fid-9 ta' Ottubru 2004.*

   *Hemm inghad hekk:*

   *Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita ordinaria (***Kollez Vol. XXVII.i. 373***). Dan fis-sens li hu 'ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu* ***(kollez Vol. XL.i.485****).*

*It-tieni principju jghid illi "l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina (***Kollez Vol. XXXVII.iii.883***). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol, jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'l quddiem" (***Mario Blackman vs Carmelo Farrugia et noe***, Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu, 1972). Dan hu hekk avvolja ma jkunx hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (***Kollez Vol. XLI.i.667***) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent*". Inghad li "*e' dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregudizievoli alla solidita e contrarii alle buone regole dell'arte*" (**Kollez Vol. XXV.i.727**).

7. B'hekk, kif ben irritenut l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Silvio Vella pro et noe vs Alfred Theuma et** fis-sentenza taghha tat-30 ta' Novembru, 2012 "*l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent (***Kollez. Vol. XLII.ii.1003***). Dan gie kkonfermat fis-sentenzi* ***Pierre Darmanin vs Moira Agius et****, Appell Civili Inferjuri, 6 ta' Ottubru, 2004;* ***Paul Fenech vs Joseph Camilleri et,*** *Appell Civili Inferjuri, 21 ta' Frar, 2012 u* ***Valletta Aluminium Wrought iron Work Limited vs Carmen Grech****, Prim' Awla per Onor. Imh. J.R. Micallef, 17 ta' Gunju 2010. Jinghad ukoll li 'l-appaltatur irid iwettaq dak li jitqabbad jaghmel skond l-ahjar sengha u hila tieghu biex jaghti xoghol tajjeb u fejjiedi lil min ikun qabbdu (***Tal-franciz Construction Limited et vs Anglu Zarb****, Appell Civili Inferjuri per Imh. Philip Sciberras, 15 ta' Lulju, 2007. B'mod partikolari, l-appaltatur ma jistax iressaq 'il quddiem id-difiza li x-xoghol ma sarx tajjeb ghaliex sar kif riedu l-kommittent, ghaliex l-appaltatur irid jirrezisti kull intromissjoni tal-kommittent minhabba dak l-indhil jew insistenza x-xoghol ma jkunx se jsir skont ma jitolbu s-sengha u l-arti ... Illi lanqas ma jiswa l-argument tal-appaltatur li x-xoghol moghti lill-kommittent ikun approvat minn dan tal-ahhar u li ma kienx ressaq ilmenti jew li, sahansitra, ikun rega qabbdu jaghmillu x-xoghol iehor. Dan jinghad ghaliex il-fatt li jsir il-hlas jew hlas akkont jew li x-*

*xogholijiet ikunu gew approvati mill-kommittent m'humiex tarka li warajha l-appaltatur jista dejjem u f'kull kaz jistkenn mix-xilja tat-twettiq hazin ta' appalt* ".

8. Kompliet tghid il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Vella pro et noe vs Theuma et** illi "... *kif jidher car mis-sentenzi fuq citati, huwa l-appaltatur li huwa responsabbli ghax-xogholijiet li huwa jaghmel, anke jekk dawn saru taht l-istruzzjonijiet tal-appaltant u dan huwa hekk ghaliex huwa l-appaltatur li huwa l-bniedem tas-sengha li ghandu jiggwida lill-appaltant kif ghandhom isiru x-xogholijiet. Jigifieri jekk f'dan il-kaz kien hemm bzonn li ssir sodda tal-konkos sew qabel ma jitqieghed il-madum* – f'dan il-kaz tal-lum il-hajt tas-sejjieh – *dan kellu jigi konsiljat mill-appaltaturi*".

9. In aggjunta ghandu jinghad li dak l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina proprju (ara l-Art. 1069(2) tal-Kap. 16) ghaliex huwa jitqies in kolpa minhabba l-inadempiment ta' obbligazzjoni kontrattwali. Naturalment l-onus tal-prova ta' danni tibqa tispetta lil minn jallega li garrab danni u dan in linea mar-regola generali.

Ikkunsidra ulterjorment;

10. Biex nigu ghal kaz odjern, ghandu jirrizultaminghajr ebda ombra ta' dubbju li mhux talli l-intimat ma rrezistiex l-intromissjoni tar-rikorrenti, talli dan stqarr li huwa lir-rikorrenti kien qallu li x-xoghol ma kienx gej sewwa. Dan il-fatt ikkonfermah ukoll Anthony Debrincat, addett tal-intimat meta qal li "...*safejn naf jien hemmhekk u cioe l-ghelieqi li ghandu George Zammit ir-rikorrenti huma taflin. Ahna bnejna hajt gholi fuq art taflija. Fil-fehma tieghi ma kellux isir hekk*" (fol. 63-64). L-istess intimat imbaghad ikompli jikkonferma li "...*naqbel illi kellu jsir sodda tal-konkos bil-vireg sabiex il-hajt ma jcedix ghaliex hemmhekk kien tafli. Kien hemm gholi ta' aktar minn hames (5) piedi. Nghid pero li finanzi ma kienx hemm x'jintefqu, u ghax-xoghol illi ghamilna x-xoghol zamm sentejn u nofs*" (fol. 65). Dan bid-dovut rispett, ma huwiex diskors li persuna li titqabbad biex

taghmel xoghol tghidu. Hadd ma gieghel lill-intimat jaghmel dan ix-xoghol bilfors. Kienet ghazla libera tieghu u huwa messu, jekk ra li x-xoghol ma kienx ser iservi l-utilita li ghalih kien sar, ma ghamel xejn u irrifjuta li jaghmlu. L-intimat imbaghad, biex jipprova jnaqqas minn dan id-dover impost fuqu, jghid li "*il-hajt ceda wkoll ghaliex ir-rikorrenti kien tefa l-hamrija mal-hajt u b'hekk ceda. Kien anke resaq lejn il-hajt bil-gaffa li tizen tnax-il (12) tunnellata, b'hekk peress li kien hemm l-gholi l-hajt hass dan it-toqol*" (fol. 65). Dan il-fatt gie michud mir-rikorrenti, ghalkemm Carmel Tabone, li ghandu ghalqa iktar l-isfel minn tar-rikorrenti qal li "*f'xi żmien ukoll kont rajt gaffa ddur fejn inbnew dawn il-hitan, iddur 'l fuq. Jiena rajtu jahdem, però ma rajtux imis hitan*" (fol. 44). Maghdud dan anke jekk ghal grazzja ta' l-argument dak li qal l-intimat ghandu mis-sewwa, l-intimat messu kien jaf li fl-ghelieqi jintuzaw il-gaffef u li mal-hitan tas-sejjieh ikun hemm il-hamrija. Messu ra li x-xoghol li ghamel ghamlu sew, u li jekk r-rikorrenti ma kienx lest li joqghod ghad-direzzjonijiet tieghu, allura messu ma ghamel xejn u b'hekk ir-rikorrenti kien ikollu jinkariga li hadd iehor. Ghar-rigward tas-sieqji ta' l-ilma li l-intimat ighid li r-rikorrenti kien ghamel, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li xehed il-Perit Walter Portelli meta gie kkontro-ezaminat. Mistoqsi jekk kienx hemm sieqji magemb l-ghelieqi minn fejn jghaddi l-ilma, huwa wieġeb fin-negattiv. Anzi qal li l-ghelieqi huma wahda fuq l-ohra u l-ilma jinżel ghal isfel.

11. Finalment, it-Tribunal jerga jaghmel referenza ghax-xhieda moghtija mill-Perit Walter Portelli meta dan qal li "*il-fatt li dan il-hajt waqa kien minhabba li l-hajt ma kienx marbut flimkien. Kien loose. Fattur iehor jista jkun il-hxuna tal-hajt. Wahda minn dawk l-ghelieqi hemm oghli madwar żewġt metri u allura inti biex ikollok hajt ta' żewġt metri jrid ikollok hxuna ta' bejn wiehed u iehor metru*" (fol. 31) u zied ighid ukoll illi "*... kieku dawn il-hitan tas-sejjiegh saru skont ma' titlob u tirrikjedi s-sengha u l-arti ma kienux jaqghu. Il-fatt illi waqghu tfisser proprju li ma kienux saru hekk*" (fol. 31). Kompla jghid li "*il-gebel ta' dawn il-hitan ma kienx marbut flimkien u ghalhekk gara li gara. Li kieku l-gebel intrabat ma kienx isehh*" (fol. 32). Spjega li "*hajt meta jaqa ghax ikun dghajjef u allura l-mistoqsija jekk hemmx xi raġuni partikolari ghalfejn waqa dik il-parti tal-hajt u mhux parti*

*ohra nghid li ghaliex dik kienet l-aktar parti dghajjfa u ghalhekk waqghet*” (fol. 32).

12. Ghar-rigward tad-danni subiti, minhabba dan ix-xoghol hazin imwettaq mil-intimat, il-Perit Portelli qal li biex jittranga dan il-hajt hemm spiza ta’ €1,768.71c. L-intimat ma ikkontestax dan l-ammont u t-Tribunal, mehud kollox in konsiderazzjoni ma jsib xejn li jista jiccensura minnu. Konsegwentement, l-intimat sejjer jigi kkundannat ihallas dan l-ammont lir-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimat inkwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ elf seba’ mija tmienja u sittin euro u wiehed u sebghin ċenteżmi ta’ euro [€1,768.71] bl-imghaxijiet skond il-ligi fuq dan l-ammont jibdew jidekorru mill-lum.

L-ispejjez huma kollha a karigu ta’ l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------